MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Numru 60/1999

Il-Pulizija
(Spettur Martin E Bayliss)
vs
Aaron Abela

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Aaron Abela, imwieled fit-30 ta' Awissu, 1977 u detentur tal-karta tal-idenita Nru 541377(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli nhar is-Sibt, u cioe' s-27 ta' Gunju 1998, fit-Triq Sant'Andrew, Santa Andrew, ghall-habta ta' bejn t-8.00p.m. u d-9.00p.m. volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jw immobbli, billi ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Peugeot li ghandha n-numru tar-registrazzjoni AAJ-432, propjeta ta' Carmelo Mallia minn Bormla, u liema hsara teccedi l-LM100 (mitt liri Maltin), izda ma teccediex l-ammont ta' LM500 (hames mitt liri Maltin) u dan ghad-dannu ta' l-istess Carmelo Mallia, u dan kollu bi

ksur ta’ l-Artikolu 325(b), tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin u post, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta persuna ohra, u cioe’ dik ta’ Raymond Mallia minn Bormla, billi ikkagunalu griehi ta’ natura hafifa, hekk kif iccertifikaw it-tabib tal-Health Centre Dr Paul A Mangion MD, u kif ukoll Dr F X Sammut MD, u Dr Michael A Borg MD, u dan kollu bi ksur tal-Artikoli 214, 215 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin u post bl-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’xi mod iehor, u dan kollu bi ksur ta’ l-Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi deciz u trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti inkluz lill-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkundsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fis-27 ta’ Gunju 1998 Raymond Mallia kien ghamel rapport fl-ghassa tal-pulizija ta’ San Giljan fis-sens illi kien St Andrews Road, St Andrews fejn il-Jessie’s Bar u hemm hekk kellu argument mal-imputat fuq imsemmi. Mallia kien irrapporta li kien qala’ xeba minghand l-imputat u irrapporta wkoll illi l-imputat kien ghamillu hsarat fil-vettura tieghu tal-ghamla Peugeot. L-Ispettur Martin Bayliss kien kellem lil Carmelo Mallia li kien spjegalu li kien qieghed mat-tfajla tieghu

Glorianne Portelli bil-karozza tieghu isuq wara van u fuq wara ta' dan il-van kien ra lill-imputat. Mallia kien qal lill-Ispettur Martin Bayliss illi s-sid ta' dan il-van kien qieghed jaghmel xi kontravvenzjonijiet tat-traffiku u ghalhekk huwa kien daqqlu l-horn. L-imputat beda jaghmillu mossi oxxeni, Mallia irreciproka u l-imputat qabez minn fuq il-van u hebb ghalih. Mallia kien gab lill-Ispettur Bayliss certifikati tal-griehi li kien sofra tort tax-xebgha li kien tah l-imputat u kien anke ghaddielu xi ritratti tal-griehi li kien sofra f'wiccu dakinhar, liema ritratti gew esebiti u jinsabu f'dawn l-atti. L-Ispettur Martin Bayliss kellem lill-imputat fuq imsemmi wara li tah is-solita twissija u hadlu l-istqarrija. F'din l-istqarrija l-imputat ikkonferma li fis-27 ta' Gunju 1998 huwa kien involut fl-incident li gara fi Triq St Andrews, St Andrews. Huwa stqarr mal-pulizija li ghall-habta tat-tmienja neqsin ghoxrin ta' filghaxija huwa kien ma certu Johnny, mal-mara tieghu, Janet, ma oht il-mara Christine u ma Charmaine li tigi l-gharusa ta' Johnny. Kienu fil-vicinanzi ta' Jessie's Bar u kienu qeghdin b'van bil-gabina ta' lewn orange, liema van jappartjeni lil Johnny. L-imputat kompla jghid illi fil-pront giet karozza minn wara illi kienet Peugeot 106 ta' lewn bajda u il-karozza hadet brake u hu hares lura u ra lis-sewwieq ta' din il-vettura jaqta jdejh u jaghmel indikazzjoni sabiex hu imur hdejh.

L-imputat kompla jghid fl-istqarrija li huwa fil-fatt mar hdejn is-sewwieq ta' din il-karozza, is-sewwieq hareg ghalih, u qabdu jaghtu. Umbaghad wara xi minuta harget il-mara, jew l-gharusa tas-sewwieq tal-Peugeot u tat daqqa lill-imputat f'wiccu u girfitlu jdejh u wara harget il-mara tal-imputat u dahlu fil-karozza u telqu 'l hemm u waqfu hdejn il-Jessie's Bar jixtru is-sigaretti. L-imputat cahad illi kienu gew xi nies jifirquhom waqt il-glieda. Kompla isostni illi kien l-iehor illi hareg ghalih l-ewwel u mhux vici versa. Mistoqsi jekk kienx nizel mill-van sabiex jistieden lil dak ir-ragel ghall-glied l-imputat wiegeb fl-affermattiv, izda huwa beda jiffakja u dana b'referenza ghal Mallia u f'dak l-istadju l-imputat qal illi Mallia kien hiereg ghalih. L-imputat cahad kategorikament illi kien ghamel xi hsarat fil-vettura ta' Mallia, pero' ikkonferma li resaq lejn il-vettura tieghu u precizament quddiem fejn il-'bonnet'. L-imputat fl-

istqarrija tieghu ammetta li kien refa jdejh u qal, "Izda ma nafx xi bdejt naghmel". Pero' cahad li kien ta lil Mallia daqqa f'ghajnejh u ma kienx jaf jispjega kif Mallia spicca bi 'black eye'. L-imputat ammetta li ghandu jkun qattalu l-flokk lil Mallia u ikkonferma wkoll illi dwar l-incident in kwistjoni huwa ma kien ghamel l-ebda rapport lill-pulizija.

Illi xehed Raymond Mallia u qal illi dakinhar tal-incident in kwistjoni huwa kien mat-tfajla tieghu Glorianne Portelli, kien miexi wara trukk u kien daqq il-horn peress illi ra li t-trukk kien ser jibqa hiereg mis-'side street' minghajr ma jieqaf fuq l-'stop sign'. Huwa xehed illi kemm it-trukk kif ukoll hu kellhom jieqfu peress illi kien hemm it-'traffic lights' u hu hares lejn it-trukk u ra ragel illi kien l-imputat fuq imsemmi li beda jaghmel hafna mossi u beda jghajjat. Mallia xehed illi huwa dar fuq it-tfajla tieghu u qalilha, "Dan ghalija qieghed ighid?" u fil-frattemp ra lill-imputat jaqbez minn fuq it-trukk, jigi jigri hdejh, zammlu t-tieqa li kienet nofsha miftuha b'idejh u beda jaghtih daqqiet ta' ponn fuq haddejh tal-lemin. Mallia kompla jixhed illi t-tfajla tieghu harget mill-karozza sabiex tipprova twaqqaf lill-imputat, pero' l-imputat dar u imbotta lit-tfajla ta' Mallia u giet tfajla ohra minn fuq it-trukk illi bdiet ukoll taggredixxi lit-tfajla ta' Mallia. Mallia xehed illi ra lid-'driver' tat-trukk jaghmel sinjal lill-imputat sabiex jitla fit-trukk. L-imputat kien sejjer lura lejn it-trukk u Mallia kien ser johrog mill-karozza biex jara x'kien gralha t-tfajla tieghu. Pero' rega' gie l-imputat, imbuttalu l-bieba u rega' kompla isawwtu u umbaghad telaq u baqa sejjer bit-trukk. Mallia xehed li ipparkja fil-gemb u sid il-"pub" beda jaghmillu xi silg ma wiccu. Huwa xehed ukoll illi waqt il-glieda l-imputat kien qattalu l-flokk peress li beda jigbdu minnu. Huwa qal illi dakinhar kellu wiccu maqtugh u kellu wkoll 'black eye' u kien ghalhekk li mar jaghmel rapport l-ghassa u mar ukoll il-polyclinic. Mallia xehed illi xi hadd kien sejjahlu u kien qallu, "Ara siehbi x'ghamillek hawn hekk" u Mallia kien ra zewg ghafsiet fuq il-vettura tieghu.

Illi xehdet Lorianne Portelli u ikkonfermat ix-xhieda illi ta l-gharus taghha. Dwar l-ghafsiet fuq il-vettura, hija xehdet li kien hemm zewg ghafsiet mal-bieba tad-'driver seat' tal-

vettura ta' Raymond Mallia li ma kienux hemm hekk qabel.

Illi xehed Dr Paul Mangion illi kien ezamina lil Mallia u irrilaxxalu c-certifikat u ikkonferma c-certifikat tieghu u xehed li l-griehi kienu ta' natura hafifa.

Illi xehed ukoll Dr Francis Saviour Sammut u gharaf ukoll ic-certifikat li kien hareg lil Raymond Mallia meritu tal-incident in kwistjoni u xehed illi l-'injuries' kienu ta' natura hafifa.

Illi xehed rapprezentant tad-ditta Michael Attard Limited u ikkonferma l-istima li kienet harget id-ditta Michael Attard Limited lil Mallia u xehed illi l-istima kienet fl-ammont ta' mija u zewg liri (LM102).

Illi xehed l-imputat minn jeddu f'dawn il-proceduri u filwaqt illi ikkonferma l-istqarrija illi irrilaxxja lill-pulizija u ikkonferma wkoll illi kien ta daqqa ta' ponn lil Mallia, pero' ma jafx fejn tahielu din id-daqqa ta' ponn u allura seta kien illi tahielu f'ghajnejh. Huwa xehed illi meta tah din id-daqqa ta' ponn it-tnejn li huma kienu barra fit-triq u ma kienux hdejn il-karozza ta' Mallia u lanqas ma kienu hdejn il-van. Huwa xehed illi kien Mallia li kien gie ghalih, umbaghad nizel hu. Nizel in 'self defence' ghaliex kien Mallia li kien gie ghalih. Huwa xehed illi kien irrabjat ferm peress illi skond hu Mallia kien qieghed jaghmillu mossi oxxeni.

Illi xehdet Jeannette Abela, mart l-imputat, fis-sens illi kien l-imputat illi kien nizel ghal glied. Hija xehdet illi Mallia beda jaghmel mossi b'idejh ukoll, zewgha l-imputat resaq lejn il-karozza ta' Mallia u Mallia mal-ewwel fetah il-bieba, bdew jargumentaw u gew fl-idejn. Hija xehdet ukoll illi meta nizlet it-tfajla ta' Mallia hija ukoll nizlet mit-trukk u xehdet ukoll illi bdiet tisma hafna kliem oxxen.

Ikkunsidrat :

Illi ma hemmx dubbju, u dana kemm fuq ammissjoni tal-imputat fl-istqarrija tieghu, kif ukoll tal-mara tieghu fix-

xhieda li tat fil-Qorti fis-sens illi kien l-imputat illi aggredixxa lil Mallia u ikkagunalu feriti ta' natura hafifa f'wiccu. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda issib lill-imputat fuq imsemmi **hati** ta' din it-tieni imputazzjoni u dana wara illi rat l-Artikolu 221 (1) tal-Kap. 9.

Il-Qorti qeghda issib lill-imputat ukoll **hati** tat-tielet imputazzjoni u cioe talli kiser il-mistrieh tan-nies bil-lejl bi hsejjes jew ghajjat u dana wara li l-Qorti rat l-Artikolu 338(m) tal-Kap. 9.

Illi pero' ghal dak illi jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni u cioe' dik ta' hsara volontarja fuq il-vettura tal-ghamla Peugeot proprjeta' ta' Mallia, il-Qorti tara illi din l-imputazzjoni ma irrizultatx sal-grad rikjest mill-Ligi u dana peress illi kemm Mallia kif ukoll it-tfajla tieghu meta xehdu fil-Qorti ma semmewx illi raw lill-imputat jaghti xi daqqiet fuq il-vettura jew inkella jaghmel xi hsarat fuq din il-vettura. Mallia xehed illi kienu n-nies illi qalulu illi kellu xi daqqiet fuq il-vettura tieghu u dana wara li kien spicca l-incident. It-tfajla ta' Mallia ukoll ma xeheditx fis-sens illi rat lill-imputat jaghmel dawn il-hsarat u ghalhekk il-Qorti mhijiex konvinta sal-grad rikjest mil-Ligi illi kien proprju l-imputat illi ikkaguna dawn il-hsarat fil-vettura ta' Mallia u konsegwentement il-Qorti **tillibera** lill-imputat minn din l-ewwel imputazzjoni.

Ghaldaqstant, in rikapitulazzjoni, l-Qorti **tillibera** lill-imputat fuq imsemmi mill-**ewwel** imputazzjoni illi ma gietx ippruvat fil-konfront tieghu u issibu **hati** tat-**tieni** u tat-**tielet** imputazzjonijiet wara li rat l-Artikolu 221(1) u 338(m) tal-Kap. 9. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta u ghalhekk ma tarax illi jkun opportun illi tapplika piena karcerarja f'dan il-kaz u tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba. Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152, filwaqt illi tilliberah taghmel dan bil-kundizzjoni illi l-imputat ma jikkommetti l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-imputat bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

---------------------------------TMIEM---------------------------------